KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgha u Disghin (97)***

***It-Tlieta, 11 ta' Gunju, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH
IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**97.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

97.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat ittra ta' apologija minghand il-Vici Sindku Emanuel Vassallo li jinsab indispost.

**97.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

97.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 96 li nzammet nhar l-Erbgha, 22 ta' Mejju 2019.

97.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 96 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

97.2.3 **Mozzjoni 97-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 96.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

Il-Minuti Numru 96 gew approvati unanimament.

**97.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 97/2019 – Gunju 2019***

97.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 97-2019 biċ-ċekkijiet numru 6565 sa 6594 li tammonta €22,965.35

97.3.2 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa jekk giex iccekjat ix-xoghol ghall-hlas b'cekk numru 6584 u 6585. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li c-cekk mhux se jintbaghat qabel ix-xoghol jigi ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

97.3.3 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem ukoll dwar cekk numru 6592 fejn staqsa dwar it-tindif. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li c-cekk mhux se jintbaghat qabel isir it-tindif kollu.

96.3.4 **Mozzjoni 97-02**: Wara tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 97-2019 bl-ammont ta' €22,965.35 bil-kundizzjonijiet imsemmija f'materja numru 97.3.2 u 97.3.3

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 97-2019 giet approvata unanimament.

**97.4 <u>Korrispondenza</u>**

97.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet proposta minghand il-Greenpak ghal gbir ta' skart riciklat. Fl-offerta hemm imnizzel li is-servizz ha jibqa l-istess bhal dak precedenti izda se jizdied gurnata ohra ta' gabra kull nhar ta' Gimgha kif ippropona il-Kunsill. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Kumpanija Greenpak.

97.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet il-kont ghat-toqob li saru fi Triq il-Belt Valletta. Fil-kont jidher li saru 40 toqba u l-prezz taghhom huwa ta' €200 minghajr VAT. Dawn ix-xoghlijiet saru b'urgenza minhabba l-festa. Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li dan il-kont ma jithallasx qabel tingieb kwotazzjoni ohra u nitolbu l-Infrastructure Malta tibghatilna l-prezz ta' kemm kienet se thallas tat-toqob iz-zghar. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

97.4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll kont sabiex sar water culvert fi Triq il-Gudja. Dan ix-xoghlijiet gew odnati mis-Sindku Darren Abela minhabba li kien hemm bzonn li jsir qabel jinghata t-tarmac minn Infrastructure Malta. Dan il-kont se jigi vverifikat mill-Perit tal-Kunsill u wara jithallas. Dwar dan il-Kunsill qabel.

97.4.4 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li se jsir kors ghall-membri kollha tal-Kunsill li gew eletti fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Dan il-kors se jsir fl-14 ta' Settembru 2019.

97.4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet rapport minghand persuna li ghamel hsara fil-vettura tieghu fi Triq il-Gudja meta kien qed isir ix-xoghol minn Infrastructure Malta. Il-Kunsill talab lill-persuna sabiex tressaq l-ilment lill-Infrastructure Malta. Wara li sar dan Infrastructure Malta infurmat li fejn sar l-incident ma kienx hemm xoghlijiet ghaddejjin, u t-toroq jaqghu taht ir-responsabilita tal-Kunsilli Lokali. Wara li l-Kunsill rega vverifika r-rapport, il-Kunsill qabel li jitlob ritratt iktar car tal-hofra imsemmija qabel jiehu d-decizjoni.

**97.5 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

97.5.1 Is-Sindku Darren Abela qal li n-nursery qed jitolbu l-ghajnuna biex jinbieghu il-biljetti tal-attivitajiet taghhom. Il-Kunsill ma qabilx li jsir dan sabiex ma jinholoqx precedent. Il-Kunsill jista' jghin biss meta jsiru xi hargiet bhal harga ghall-Esplora u f'dan il-kaz, din l-attivita' ssir b'kollaborazzjoni man-Nursery.

97.5.2 Is-Sindku Darren Abela ippropona li f'salib it-toroq ta' Triq il-Gudja kantuniera ma Triq Dun Marcell Mallia isiru zewg mirja f'kull kantuniera. Wara diskussjoni, il-maggoranza tal-Kunsill qablet li nibghatu lit-TM biex tigwidana x jista' jsir f'dan il-kaz.

97.5.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq stima ta' madwar €13K biex jinghata t-tarmak fiz-zona ta' Bir id-Deheb fejn twaqqa' l-hajt. Il-Kunsill qabel unanimament li mhux f'pozizzjoni li jaghmel din l-ispiza u ghandu jinsisti ma Infrastructure Malta sabiex ix-xoghol isir min-naha taghhom.

97.5.4 Is-Sindku Darren Abela rringrazzja lill-Kunsilliera kollha tal-hidma taghhom f'din il-legislatura.

**97.6 <u>Mozzjonijiet</u>**

97.6.1 Annessi mal-Minuti

**97.7 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

97.7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm ix-xifer ta tal-bankini fi Triq il-Gudja huwa perikoluz. Is-Sindku Darren Abela qal li se jiccekja dwaru.

97.7.2 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li l-isprall tal-bypass li jinfed mal-giebja imtela' kollu tarmac wara li saret it-triq. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkellem lill-Perit responsabbli.

97.7.3 Il-Kunsilliera Miriam Schembri fakkret li ghad irid jithallas l-editur tal-*comic book*.

**97.8 <u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss</u>**

97.8.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar il-Hamis, 13 ta' Gunju,2019 fis-7:30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 97**

**Mozzjoni Ref:** 97-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 96

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 11 ta' Gunju 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 97**

**Mozzjoni Ref:** 97-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta' Pagamenti Nru 97

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 11 ta' Gunju 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**